**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 5 TA' NOVEMBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 10/20GM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. C3177**

**vs**

**Stephen Borg (Karta tal-Identita` numru 348280M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fis-7 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

1. Illi in forza ta' kuntratt tas-16 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Stephen Borg konsistenti f'self u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur

datata 31 ta' Ottubru 2006 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);

2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenut Stephen Borg huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tnejn u sebgħin elf u erbatax-il Ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmu (€72,014.99), dovuta in kwantu għal tmienja u sittin elf, tmien mija u sebgħin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€68,870.11) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti tlett elef mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,144.88) bħala imgħax ikkalkulat sal-20 ta' Diċembru 2019 kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 14129702 immarkat Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-21 ta' Diċembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi in forza ta' kuntratt ieħor ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', ippublikat fil-11 ta' Marzu 2009, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja oħra lill-konvenut Borg konsistenti f'*Maxicredit* sal-ammont ta' sitta u għoxrin elef Ewro (€26,000) u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur fis-17 ta' Frar 2009 (kopja tal-kuntratt u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati bħala Dok D u Dok E);

5. Illi anke' fuq dan is-self, il-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter*, u għaldaqstant iddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

6. Illi għalhekk, il-konvenut Stephen Borg huwa wkoll debitur tal-bank fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, mitejn u dsatax-il Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€25,219.87), dovuta in kwantu għal erba' u għoxrin elf, tlett mija, sebgħa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€24,347.12) bħala kapital fuq il-kont numru 18052505, u r-rimanenti tmien mija, tnejn u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€872.75) bħala imgħax ikkalkulat sal-

20 ta' Diċembruu 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont immarkat Dok F, oltre l-imgħax legali ulterjuri mil-21 ta' Diċembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi għalhekk, il-konvenut huwa debitur tal-bank attur fis-somma globali ta' seba' u disgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€97,234.86) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;

8. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-arretrati dovuti minnu, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata l-10 ta' Lulju 2019 (annessa u bħala Dok. G), baqa' inadempjenti;

Talbet lil din il-qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li l-konvenut Stephen Borg huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' seba' u disgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€97,234.86) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut jħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma u dan oltre' l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-11 ta' Awwissu 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2019, u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut;

Rat illi minkejja l-konvenut huwa debitament notifikat[1], baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet;

[1] Fol 51

Rat in-Nota tal-Bank attur datata 28 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha HSBC Bank Malta plc in vista ta' żewg pagamenti li l-konvenut effetwa fil-mori tal-kawża stqarr li l-ammont dovut lill-attriċi fil-15 ta' Settembru 2020 huwa ta' €98,900.77.[2]

Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex l-konvenut jippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet tiegħu iżda l-konvenut baqa' ma ppreżenta xejn;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Fatti**

Illi l-Bank attur ta faċilita' bankarja lil konvenut Borg f'ammont ta' €72,014.99 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa' datat 16 ta' April 2007[3]. Illi permezz ta' kuntratt ieħor datat 11 ta' Marzu 2009 l-istess Bank attur ikkonċeda faċilita' bankarja oħra lil konvenut konsistenti f'*Maxicredit* sal-ammont ta' €26,000[4];

Illi l-konvenut ma baqax jaffettwa pagamenti mensili kif obbligat li jagħmel u għalhekk huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' self u konsegwentament sar debitur tal-bank attur fl-ammont intier ta' seba' u disgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€97,234.86), in kwantu tmienja u sittin elf, tmien mija u sebgħin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€68,870.11) bħala bilanċ mill-kapital ta' tnejn

[2] Dok A a Fol 52
[3] Dok A a fol 7
[4] Dok D a fol 26

u sebgħin elf u erbatax-il Ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmu (€72,014.99) misluf lilu, u tlett elef mija erbgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,144.88) bħala imgħax ikkalkulat sal-20 ta' Diċembru 2019 u erba' u għoxrin elf, tlett mija, sebgħa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€24,347.12) bħala kapital fuq il-kont tal-*Maxicredit*, u r-rimanenti tmien mija, tnejn u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€872.75) bħala imgħax ikkalkulat sal-20 ta' Diċembru 2019;

Illi fil-mori tal-kawża saru żewġ pagamenti u ċjoe` fl-10 ta' Awwissu 2020 u hekk l-attriċi ikkonfermat li l-ammont issa dovut mingħand il-konvenut fil-15 ta' Settembru 2020 huwa ta' **tmienja u disgħin elf, disa' mitt Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€98,900.77);**

Illi għalhekk it-talbiet attriċi jinstabu ppruvati għas-sodisfazzjon tal-Qorti;

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut Stephen Borg huwa debitur fil-konfront tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' tmienja u disgħin elf, disa' mitt Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€98,900.77).

(ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta`attriċi l-imsemmija s-somma bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mill-15 ta' Settembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2019,  u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, a karigu tal-konvenut.

Moqrija

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA